MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 101/2013

GO **p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Julie Ann Brant (Passaport Ingliz 080070114GB)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u erbgha u hamsin ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€554.29), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40103806 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C40103806 Dok IZY3 – kopja t’ ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitlu 12; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 28 ta’ Jannar, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hames mija u erbgha u hamsin ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€554.29) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------